MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2001

Avviz Numru. 223/2000/1

Avviz nru:- 223/00DM

GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance PLC, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Sciriha kif wkoll l-istess Anthony Sciriha

vs

Gaetano Mifsud

Il-Qorti,
Rat l-avviz tal-kumpanija attrici sabiex din il-Qorti:

1 Tiddikajara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-4 ta' Novembru 1999 fil-limiti tal-Hamrun waqt li l-konvenut kien

qed isuq il-vettura Nru GAA 518, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mall-vettura numru TFC 194 propjieta ta' assikurat tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2 Sabiex tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' hames mija u tlettax il-Lira maltin u seba u ghoxrin centezmi (Lm513.27) u dak ta' Anthony Sciriha fl-ammont ta' mitt Lira maltin (Lm100.00) f'jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3 U sabiex tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm14.00), ta' ittra legali tas- 16 ta' Dicembru 1999, u ta' ittra Ufficjali ippresentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-Assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1 It-talbiet attrici huma infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-Traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-attur Anthony Sciriha

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-25 ta' April 2001 fejn il-konvenut debitament assistit jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi z-zewg sewwieqa involuti f'dan l-incident ossia l-attur Anthony Sciriha u l-konvenut Gaetano Mifsud jaqblu dwar il-fatti li taw lok ghal dan l-incident. Waqt illi l- attur Anthony Sciriha kien qieghed isuq f'St Joseph High Road wara karozza ohra din il-karozza waqfet u tat indikazzjoni lli setghet iddur lejn in-naha tal-lemin taghha u kif appena qala lil din il-karozza li kienet quddiemu minn-naha tax-xellug taghha, sab karozza gejja ghal fuqu provenjenti minn triq laterali fuq in-naha tal-lemin tieghu.

Din il-karozza misjuqa mill-konvenut Gaetano Mifsud kienet zbokkat minn go Old Railway Track li qieghda vicin l-ghassa ta' B'Kara u wara li qasmet il-karreggjata tat – traffiku li gej fuq il-lemin taghha qasam triq biex jidhol fil-karreggjata li kien qed isuq fiha l-attur Anthony Sciriha.

Ghalhekk l-obbligu principali ta' prekawzjoni u attenzjoni kien mixhut fuq il-konvenut illi qabel ma setgha jghamel il-manuvra illi ghamel setgha kellhu bilfors; fl-ewwel lok jikkonstata l-manuvra minnhu intiza kienet wahda illi kienet permessa mir-regolament tat-traffiku; fit-tieni lok jara lli bil-manuvra tieghu ma kien ser jostakola jew iffixkel ebda traffiku li kien qed juza t-triq principali.

Mill-provi jirrizulta illi mhux biss illi l-konvenut ma kienx uza dak il-grad ta' attenzjoni u prekawzjoni minnhu rikjest biex jara li ma kien ser jfixkel ebda traffiku qed juza l-'main road' izda jirrizulta illi l-manuvra li ried jghamel ma kienetx konsentita mir-regolamenti tat-traffiku infatti s-sinjali illi kien hemm fit-tarf ta' Old Railway Track kienu jindikaw illi l-unika manuvra li setgha jghamel il-konvenut Gaetano Mifsud kienet illi jisbokka go St Joseph High Road billi jdur mill-ewwel fuq ix-xellug tieghu u jkompli fil-linja tat-traffiku li gejja mid-direzzjoni li fiha kien qed jipprocedi l-attur Anthony Sciriha.

Minn-naha tal-attur Anthony Sciriha ma jirrizultawx nuqqasijiet infatti, ghalkemm anke l-'main road user' ghandhu l-obbligu illi kwalunkwe mument joqghod attent ghat-traffiku kollu illi jkun qed jvaggja madwaru huwa ma kellhu ebda obbligu illi ma jaqlax il-vettura wieqfa quddiemu minn fuq in-naha tax-xellug taghha, u ma kellux ghalfejn jistenna illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ser tigi minn direzzjoni illi kienet prekluza mill-ligi.

Ghaldaqstant jirrizulta illi kien l-konvenut Gaetano Mifsud unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk ghandhu jirrispondi ghad-danni li gew ikkawzati. Il-konvenut permezz ta' verbal tal-25 ta' April 2001 iddikjara lli mhux qed jikkontesta il-quantum tad-danni;

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni u konsegwentement tikkundannah illi jhallas dawk id-danni illi gew minnhu ikkawzati u tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' Lm613.27 (sitt mija u tlettax il-lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmi) li minnhom il-konvenut ghandhu jhallas hames mija u tlettax il-lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmi (LM513.27) lill kumpanija GasanMamo Insurance Agency Limited u ir-rimanenti somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) lill attur l-iehor Anthony Sciriha.
Inoltre qed tikkundanna lill konvenut ukoll li jhallas dawn l-ammonti bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut

--------------------------------TMIEM--------------------------------